MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 624/2002

**Avviz numru 624/2002DM**

**Patrick u Sonia konjugi Grech**

**Vs**

**Nazzareno Micallef numru ta' karta ta' identita 312573M**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija seba' u tletin Liri Maltin u erbghatax il-centezmi (Lm2537.14) rappresentanti nofs l-ispiza totali ta' hames t'elef u erba' u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm5074.28) inkorsi mill-atturi fit-tibdil ta' parti mis-saqaf tal-proprjeta' taghhom bl-isem ta' 'Touchwood Antiques' fi Triq Regjonali St Venera liema saqaf taghhom jaghmel l-art tal-konvenut tal-fond tal-konvenut bl-isem ta'

Marzio f'Misrah il-Barrieri, St Venera, liema saqaf/art huwa ghalhekk komuni bejniethom stante li jifred il-fondi rispettivi tal-kontendenti u li kellu bilfors jinbidel minhabba l-istat hazin u perikoluz tieghu kif certifikat minn Perit professjonali u liema spejjes jinkludu dawk ghax-xoghlijiet li saru, u drittijiet professjonali tal-perit u l-insurance cover, kollox kif jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tal-hlasijiet li saru da parti ta' l-atturi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Nazzareno Micallef fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur u dan ghaliex huwa ma hux il-proprjetarju tal-fond "Marzio" f'Misrah il-Barrieri, St Venera u ghalhekk ghandhu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal dan, it-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex bhala proprjetarji tal-fond "Touchwood Antiques" huma l-istess atturi li huma responsabbli ghal manutenzjoni u riparazzjonijiet fil-fond proprjeta taghhom;
3 Fit-tielet lok, ir-responsabilita ta' l-allegati riparazzjonijiet kienet necessitata b'nuqqasijiet tal-atturi;
4 Fir-raba lok, ir-talba ta' l-atturi hija nfondata fid-dritt stante li jekk il-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghar-riparazzjonijet maghmula mill-atturi din il-kontribuzzjoni trid tigi stmata skond l-Artikolu 423 tal-Kodici Civili;
5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet bil-gurament lill-eccipjent Nazzareno Micallef fejn irrizulta illi l-eccipjent mhuwiex il-proprjetarju tal-fond indikat mill-atturi u li fih saru l-benefikati u fejn jirrizulta illi l-proprejtarju ta' dan il-fond huwa Nazzareno Micallef iben l-eccipjent li ghalhekk jirrizulta illi ghandhu mhux notifikat.

Rat illi l-konvenut li ghandhu karta tal-identita numru 312573M gie effettivament innotifikat fis-27 ta' Gunju 2003.

Billi l-istess konvenut la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2,537.14 (elfejn hames mija u seba' u tletin Lira Maltin u erbghatax il-centezmi bl-imghax legali b'effett mill-21 t' Ottubru tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------